MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 849/2002

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**-vs-**

**William Caruana (debitur principali), Herman Brockdorff gieli maghruf ukoll bhala Von Brockdorff (garanti solidali mal-imsemmi debitur u bejniethom) u mart l-imsemmi Herman Brockdorff gieli maghruf ukoll bhala Herman Von Brockdorff, Lidia Brockdorff.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-23 ta' Lulju, 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut William Caruana huwa debitur tal-Bank attur fl-ammont globali ta’ sebgha u sittin elf, hames mija u erbgha u disghin liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm67,594.17) oltre l-imghax mis-16 ta’ April 2002 dovut lill-istess Bank kif jinghad hawn taht;

a. Sebgha u ghoxrin elf, mitejn u tmienja u tletin lira Maltija u tlett centezmi (Lm27,238.03) dovuti lill-Bank attur in kwantu ghal sebgha u ghoxrin elf, mija u tletin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm27,130.99) fuq “Overdraft Account” bin-numru 006-028484-001 u r-rimanenti mija u seba’ liri Maltin u erba’ centezmi (Lm107.04) bhala imghax fuq l-istess “Overdraft Account” sal-15 ta’ April 2002 kif jirrizulta mill-Istatement anness bhala Dok A, oltre l-imghax mis-16 ta’ April 2002 sad-data tal-pagament effettiv; u

b. Erbghin elf, tlett mija u sitta u hamsin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm40,356.14) dovuti lill-Bank attur in kwantu ghal sitta u tletin elf, sitt mija u disa’ liri Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm36,609.28) bhala bilanc ta’ “Loan Account” bin-numru 006-028484-300 u r-rimanenti tlett elef, seba’ mija u sitta u erbghin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm3,746.86) bhala imghax fuq l-istess “Loan Account” sal-15 ta’ April 2002 kif jirrizulta mill-Istatement anness bhala Dok B, oltre l-imghax mis-16 ta’ April 2002 sad-data tal-pagament effettiv;

Illi l-konvenut Herman Brockdorff gieli maghruf ukoll bhala Herman Von Brockdorff ikkostitwixxa ruhu garanti favur il-Bank attur tal-imsemmi konvenut Caruana solidalment mieghu tas-somma ta’ sittax il-elf lira Maltija (Lm16,000), oltre l-imghax (Dok C);

Illi Herman Brockdorff gieli maghruf ukoll bhala Herman Von Brockdorff huwa mizzewweg lil Lidia Brockdorff;

Illi l-konvenuti, ghalkemm interpellati, William Caruana b’Ittra Ufficjali tat-18 ta’ April 2002, u Herman Brockdorff

gieli maghruf ukoll bhala Herman Von Brockdorff u martu Lidia Brockdorff b'ittra tad-9 ta' Lulju 2002 biex ihallsu, baqghu inadempjenti.

Illi l-kreditu tal-Bank huwa cert, likwidu u ezewgwibbli.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut William Caruana, Herman Brockdorff gieli maghruf ukoll bhala Herman Von Brockdorff u martu Lidia Brockdorff sabiex ihallsu lill-istess Bank attur is-somma ta' sebgha u sittin elf, hames mija u erbgha u disghin liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm67,594.17), oltre l-imghax, fir-rigward ta' William Caruana mit-18 ta' April 2002, u fir-rigward ta' Herman Brockdorff gieli maghruf ukoll bhala Herman Von Brockdorff u martu Lidia Brockdorff mid-9 ta' Lulju 2002, dovuta kif spjegat aktar il-fuq.

B'dan illi l-konvenuti Herman Brockdorff gieli maghruf ukoll bhala Herman Von Brockdorff u martu Lidia Brockdorff bhala garanti tal-konvenut William Caruana solidalment mieghu ihallas lil Bank attur l-ammont ta' sittax il-elf lira Maltija (Lm16,000), oltre l-imghax, mid-debiti tal-istess konvenut William Caruana.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa mill-P.L. Jonathan De Maria I.D. 367569(M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' cessjoni fil-konfront tal-konvenuti Herman u Lidia Brockdorff a Fol 23 tal-process;

Li biha ccedi l-atti tal-kawza biss fir-rigward ta' Herman Brockdorff gieli maghruf ukoll bhala Herman Von Brockdorff (garanti solidali mal-imsemmi debitur u

bejniethom) u mart l-imsemmi Herman Brockdorff gieli maghruf ukoll bhala Herman Von Brockdorff, Lidia Brockdorff, u dana sabiex jidderigi ruhu ahjar u minghajr pregudizju.

Jigi precizat li l-atti tal-kawza precitata ghandhom jibqghu integri, fermi u illesi fir-rigward tal-konvenut William Caruana.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata fl-4 ta' Dicembru, 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa:

1. Preliminarjament illi l-azzjoni attrici kif impostata hija irritwali u ghaldaqstant ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi din l-Onorabbli Qorti ma tistax tikkundanna lill-eccipjenti jhallsu ammonti minghajr dikjarazzjoni precedenti li l-istess eccipjenti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammonti indikati minnha.

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammonti pretizi minghand l-eccipjenti qeghdin jigu kontestati.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2004 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi l-konvenut Caruana ma ressaqx provi ghalkemm ipprezenta nota tal-eccezzjonijiet. L-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li l-

Qorti ma tistax tikkundannah ihallas l-ammont mitlub fic-citazzjoni minghajr dikjarazzjoni li hu fil-fatt debitur tal-bank attur.

Din il-Qorti gia’ kellha okkazjoni tikkumenta li l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn ikollha tiddikjara debitu qabel tikkundanna l-konvenut ihallas l-ammont li jirrizulta dovut (Ara s-sentenza parzjali Astra Limited vs Bank of Valletta deciza din is-sena stess). Ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha.

Illi l-prova prodotta mill-attur fir-rigward tal-ammont dovut ma gietx kontradetta.

**Il-Qorti ghalhekk, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti Brockdorff in vista tan-nota ta’ cessjoni fuq imsemmija, tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Caruana u ghalhekk tilqa’ t-talbiet attrici fil-konfront tal-istess konvenut Caruana u tikkundannah ihallas lill-bank attur is-somma ta’ sebgha u sittin elf, hames mija u erbgha u disghin Lira Maltin u sbatax il-centezmu (Lm67,594.17c) u imghaxijiet ulterjuri mit-18 ta’ April, 2002 sal-pagament effettiv; bl-ispejjes jigu sapportati kollha mill-istess konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------